# IL-BIDWI

FOLJU MAHRUG DARBTEJN FIX-XAHAR MID-DIPARTIMENT TAL-BIEDJA

*Editur C. Zammit-Marmarà M.B.E*

Nru. 64 — IT-TNEJN, IS-16 TA' LULJU, 1945. — Nru. 64


# *IL-MILI TAL-PRODOTTI*

(R. BIASINI, DIRETTUR TAL-BIEDJA).

*HIJA ħaġa bizżejjed magħrufa illi l-Biedja ma hix ħaġ'oħra ħlief negozju. Bħalma l-produzzjoni tal-ħwejjeġ kollha tas-swieq titbiddel skond il-bżonn u x-xewqa tal-konsumatur, hekk u xejn inqas jitbiddlu s-swieq, il-produzzjoni u t-tqassim tal-ħwejjeġ tal-biedja. Jeħtieġ li l-bidwi mhux biss ikun jaf jikkoltiva l-kwalitajiet differenti ta' prodotti, iżda jeħtieġ ukoll illi jkun jaf x'għandu jiżra' u kif għandu jibgħat għas-suq biex jikseb l-aħjar prezzijiet.*

*Jekk inħarsu lejn in-negozji l-kbar tad-dinja aħna nsibu illi l-ikbar fabbriki twaqqfu u kibru fuq oġġett li għamluh dejjem tajjeb, u għalhekk il-klijent ta' fabbriki bħal dawn jidra tant il-marka illi l-oġġetti ta' dik il-marka jibda jixtrihom bil-għama, għaliex ikun jaf illi meta jagħmel hekk huwa ma jitqarraqx żgur. Din il-biċċa xogħol qiegħda ukoll issir f'pajjiżi oħra fuq il-ħaxix, frott u prodotti oħra tal-biedja—kollox jinbagħat fis-swieq, imqassam skond il-kwalità u skond id-daqsijiet.*

*Nistħajjilkom tgħiduli: Mela aħna sejrin noqogħdu nintilfu f'dan il-logħob? — Jiswa lilkom jekk intom tagħmluh. Bħalma jiġri fil-ħwejjeġ kollha tas-swieq, hekk ukoll jiġri fl-affarijiet kollha tal-biedja. In-neguzjanti ta' barra jużaw jagħmlu "marka" li biha tkun tagħraf l-oġġett li jkun. Ix-xerrejja meta jmorru jixtru, l-ewwel ma jħarsu lejn dik il-marka, għaliex minnha jkunu jafu x'qegħdin jixtru u għalfejn qegħdin iħallsu. Dan ifisser li huma jidraw il-marka, marka tajba hija fiha nnifisha garanzija.*

*Nagħtu kas li inti tixtri xkora qamħ u ssib fiha ħafna trab; inti toqgħod attent għall-marka tagħha, u darb'oħra, meta tixtri toqgħod attent li tħallas inqas biex tħares lilek innifsek mit-telf li jkun hemm. Sid l-ixkora, jekk ma jkollux għaqal, jaħseb li daħak bik, għax ikun ħallatlek ftit trab mal-qamħ fil-waqt li fil-verità jkun daħak bih innifsu għaliex inti tkun biss ħallast tat-tajjeb, fil-waqt li hu mhux biss ikun tilef il-flus fuq dak iż-żibel li jkun ħallat fl-ixkora, imma jkun ukoll ħallas it-trasport u ħwejjeġ oħra fuq it-trab jew l-irmixk li jkun ħallat.*

*Taħlit bħal dan ma hux għaqal u juri biċ-ċar illi l-bidwi li jkun mhux neguzjant tajjeb u; la ma jkunx neguzjant tajjeb, ma jistax ikun bidwi tajjeb.*

*Għaldaqshekk jinħtieġ illi l-bidwi jitgħallem jibgħat il-prodotti fis-suq mingħajr qerq u mingħajr ebda taħlit. Din hija l-ewwel ħaġa meħtieġa biex wieħed jibni suq tajjeb li jkun ta' ġid sew għall-biedja kemm ukoll għall-konsumatur. Meta l-biegħa tinbagħat is-suq nimlija tajjeb, mingħajr ma wieħed jipprova jagħmel xi ftit sabiħ fil-wiċċ u ħafna rmixk fil-qiegħ, allura l-bidwi jitħallas tajjeb skond ma jistħoqqlu fil-waqt illi l-konsumatur jiekol skond ma jkun ħallas.*

*Mela jiena nerġa' nitlob lil kull bidwi biex jimlu l-ħxejjex, frott u prodotti oħra tal-biedja kif jixraq, biex b'hekk aħna nkunu nistgħu nibnu suq tajjeb u għal dejjem tal-ħwejjeġ tal-biedja li jkun qiegħed fuq sisien sodi.*

---

## IL-ĠONNA TAL-FJURI FIX-XAHAR TA' LULJU

*(George D. Cousin)*

### Tisqija

L-ARBUXXELL tal-ward tax-xewk għandu jissaqqa kull tliet ġimgħat, fejn l-art hija tajba u friska minnha. Dawn il-pjanti jekk huma ġa qabdu jistgħu jissaqqew kull erbgħa jew ħames ġimgħat u din it-tisqija għandha titkompla għal ma' tul is-sajf.

Ix-xitel annwali (ta' l-istaġun) tas-Sajf imissħom, qabel il-bidu ta' dan ix-xahar, ikunu kollha mħawlin, għalkemm biċċa minnhom diġà qegħdin jagħmlu l-fjuri. L-aktar li għandhom bżonn dawn il-pjanti huma t-tisqija u t-tinqix, għalkemm ħafna minnhom it-tbexxix jagħmlilhom tajjeb. Hemm ċerti pjanti jekk il-weraq tagħhom jitbexxu, ix-xitla tagħhom timrad bil-mell.

Id-Dalja għandna nsaqquha millinqas tliet darbiet fil-ġimgħa. Billi din il-pjanta tagħmel kwantità ta' fjuri għal żmien twil, m'għandhiex tibqa' nieqsa mill-ilma. Min irid kwalità sabiħa ta' fjuri għandu jnaqqas mill-blanzuni u jsaqqi darba kull ħmistax-il ġurnata bl-ilma bid-demel. Għall-aħħar ta' dan ix-xahar id-dalji jistgħu jinżabru biex itellgħu friegħi ġodda li jagħmlu l-fjuri fil-ħarifa.

### Pjanti tal-Qsari

Palm u xitel ieħor li qiegħed jikber fil-qsari għandhom jitwarrbu f'post fejn huwa delli. Post taħt siġar għoljin huwa adattat ħafna għal dawn il-pjanti biex ma jinħarqux bix-xemx.

Għall-aħħar ta' dan ix-xahar naħsbu biex niżirgħu l-ġiżi, il-"Wall-flower", l-"Aquilegia", il-"Canterbury Bells", il-"Holly Hock" u ċ-"Cineraria". Żrieragħ oħra niżirgħuhom 'il quddiem.

Dan huwa l-aħjar xahar għat-tnissil tal-"Begonia Rex", "Sant Paulia" u "Gloxinia".

Il-"Begonja Rex" titnissel issa bil-werqa; dan isir billi titwi l-werqa minn żewġ postijiet jew tlieta biex tikser il-vini u npoġġuha ġewwa s-serra fuq il-ħażiż, inkella fuq dixx li jkun fih it-"terriċċju". L-egħruq joħorġu minn ġol-vini u jiffurmaw ħafna xitel.

"Saint Paulia" u "Gloxinia": il-weraq ma nagħmluhx bħal tal-"Begonia" imma sħaħ u ndaħħluhom daqsxejn waħda ġot-"terriċċju" fejn inkunu sejrin inħawluhom. Fit-tisqija, kemm jista' jkun ma nxarrbux il-weraq għax inkella jitħassru.

